2025/951

26.5.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/951

tat-22 ta' Mejju 2025

li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-jodju polivinilpirrolidon għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 1 u 3 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

Billi:

(1) Il-jodju polivinilpirrolidon ġie approvat bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 1, 3, 4 u 22 bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 94/2014 ([2]), soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness ta' dak ir-Regolament.

(2) L-approvazzjoni tal-jodju polivinilpirrolidon għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 1, 3, 4 u 22 ("l-approvazzjoni") se tiskadi fil-31 ta' Awwissu 2025. Fit-28 ta' Frar 2024, ġew ippreżentati żewġ applikazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tiġdid tal-approvazzjoni tal-jodju polivinil-pirrolidon għat-tipi ta' prodott 1 u 3 ("l-applikazzjonijiet"), filwaqt li ma ġiet ippreżentata l-ebda applikazzjoni għat-tiġdid tal-approvazzjoni tal-jodju polivinilpirrolidon għat-tipi ta' prodott 4 u 22.

(3) Fid-19 ta' April 2024, l-awtorità kompetenti li tevalwa tal-Iżvezja għarrfet lill-Kummissjoni li skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, kienet iddeċidiet li kienet meħtieġa evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjonijiet. Skont l-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament, l-awtorità kompetenti li tevalwa trid twettaq evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni fi żmien 365 jum mill-validazzjoni tagħha.

(4) L-awtorità kompetenti li tevalwa tista', skont il-każ, teżiġi li l-applikant jipprovdi biżżejjed data biex titwettaq l-evalwazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. F'dak il-każ, il-perjodu ta' 365 jum jiġi sospiż għal perjodu li ma jistax jaqbeż il-180 jum b'kollox, sakemm ma tkunx iġġustifikata sospensjoni itwal minħabba n-natura tad-data rikjesta jew minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali.

(5) Fi żmien 270 jum minn meta tirċievi rakkomandazzjoni mingħand l-awtorità kompetenti li tevalwa, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi trid tħejji u tippreżenta opinjoni lill-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva f'konformità mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(6) Għaldaqstant, għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tal-applikant, l-approvazzjoni aktarx tiskadi qabel ma tkun ittieħdet deċiżjoni dwar it-tiġdid tagħha. Għalhekk jixraq li tiġi posposta d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 1 u 3 għal perjodu ta' żmien twil biżżejjed biex l-applikazzjoni tkun tista' tiġi eżaminata. Filwaqt li jitqiesu l-limiti ta' żmien għall-evalwazzjoni mill-awtorità kompetenti li tevalwa, u għat-tħejjija u għall-preżentazzjoni mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi tal-opinjonijiet tagħha u ż-żmien meħtieġ sabiex il-Kummissjoni tiddeċiedi jekk iġġeddidx l-approvazzjoni, id-data tal-iskadenza għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 1 u 3 jenħtieġ li tiġi posposta għad-29 ta' Frar 2028.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 94/2014 tal-31 ta' Jannar 2014 li japprova l-jodju, inkluż il-jodju polivinilpirrolidon bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tipi 1, 3, 4 u 22 (ĠU L 32, 1.2.2014, p. 23; ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2014/94/oj).

(7) Wara li tiġi posposta d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni, il-jodju polivinilpirrolidon jibqa' approvat għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 1 u 3, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 94/2014,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-jodju polivinilpirrolidon għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 1 u 3, stabbilita fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 94/2014, hija posposta għad-29 ta' Frar 2028.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Mejju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN